MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 707/2003

**SANTUMAS SHAREHOLDINGS p.l.c.**

vs

**AQUARIUS PROPERTIES LIMITED** u b'Degriet tal-25 ta' Frar, 2004, l-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti u martu Violet Filletti ddaħħlu fil-kawża "*in statu et terminis*"

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq talba magħmula mill-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2006, biex ix-xhieda mogħtija waqt l-istess smigħ mill-Perit Arkitett Joseph Spiteri (imressaq mill-intervenuti fil-kawża b'xhud tagħhom) titneħħa mill-atti tal-kawża billi (a) parti intervenuta fil-kawża ma tistax tressaq xhud għaliex m'hijiex parti fil-kawża u (b) f'kull każ għaliex l-imsemmi xhud ma kienx xhud dikjarat, u dan ukoll billi l-intervenuti fil-kawża ma ressqux atti biex jindikaw min kien fi ħsiebhom itellgħu b'xhud tagħhom;

Illi għal din it-talba, l-istess intervenuti fil-kawża laqgħu billi qalu li t-talba tal-kumpannija mħarrka mhix mistħoqqa u wkoll għaliex il-jedd tal-parti li tidħol fil-kawża li tressaq ix-xhud tagħha m'hija bl-ebda mod ipprojbita mil-liġi proċedurali;

Illi l-kumpannija attriċi ħalliet f'idejn il-Qorti biex tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija mħarrka;

Illi l-intervenuti fil-kawża miżżewġin Filletti tħallew jintervjenu b'degriet tal-25 ta' Frar, 2004[1], wara talba li huma kienu għamlu b'rikors tal-24 ta' Frar, 2004;

[1] Fol 31 tal-proċess

Illi f'dak l-istadju, l-atti tal-kawża ma kinux għadhom ġew notifikati lill-kumpannija mħarrka;

Illi l-intervenuti fil-kawża ma ressqux Nota tal-Eċċezzjonijiet, minħabba li deher sewwa mir-rikors tagħhom li l-interess tagħhom f'din il-kawża kien jaqbel ma' dak tal-kumpannija attriċi u mhux ma' dak tal-kumpannija mħarrka;

Illi l-istess intervenuti fil-kawża, madankollu u kif awtoriżżati b'degriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Diċembru, 2004[2], ressqu x-xhieda tagħhom bil-meżż ta' affidavit. Sallum ma saret l-ebda kontestazzjoni mill-kumpannija mħarrka għall-imsemmi degriet;

Illi x-xhud Perit Spiteri tressaq b'xhud mill-intervenuti fil-kawża wara li l-kawża kienet tħalliet għall-għeluq tal-provi b'degriet tal-4 ta' Mejju, 2006[3];

Illi huwa magħruf li l-istitut tal-intervent fil-kawża jinbena fuq il-ħtieġa tal-ħeffa u t-tneħħija ta' multipliċita' ta' sentenzi, fejn irid jintwera li fi kwestjoni ġudizzjarja bejn żewġ partijiet jew aktar, terza persuna turi li għandha interess sostanzjali u mhux derivattiv[4] biex titħalla tieħu sehem, biex tistabilixxi bil-meżżi kollha legali u leċiti[5] ċerti fatti u jeddijiet li jkollha f'dak l-interess;

Illi għalhekk, dak l-intervent jista' jseħħ mhux biss fl-interess ta' xi parti waħda (*ad adiuvandum*) jew oħra fil-kawża, iżda saħansitra kontra l-interess ta' kull waħda minnhom[6]. Dan huwa wieħed mill-aspetti fejnl-

[2] Paġ. 92 tal-proċess
[3] Paġ. 175 tal-proċess
[4] P.A. **23.11.1898** fil-kawża fl-ismijiet ***Stepton vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XVI.i.117**)
[5] App. Ċiv. **8.5.1905** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Bonici vs Testaferrata Bonniċi et*** (Kollez.Vol: **XIV.i.90**)
[6] P.A. **30.11.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe Axiak et vs Lapira et*** (Kollez. Vol: **XXV.ii.208**)

intervent volontarju jikkuntrasta mal-intervent koatt (is-sejħa fil-kawża) fejn il-parti hekk imsejħa tkun għall-finijiet parti sħiħa fil-kawża bħallikieku mħarrka mill-parti attriċi sa mill-bidu. Dan juri wkoll għaliex l-ispirtu wara l-intervent volontarju fil-k awża huwa dak li l-Qorti tkun tista' ssib il-verita' kollha dwar il-jedd kontestat fil-kawża mressqa quddiemha;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li saħansitra fejn il-parti mħarrka kienet waqgħet kontumaċi, il-parti li daħlet fil-kawża *"in statu et terminis"* kellha l-jedd mhux biss li tressaq l-atti ġudizzjarji xierqa u kompatibbli mal-istat li tkun waslet fih il-kawża meta jsir dak l-intervent, imma *"li ġġib 'il quddiem l-argumenti u r-raġunijiet tagħha, sija pure f'nota tal-eċċezzjonijiet, kif ukoll **li tipproduċi l-provi** in sostenn ta' dak li tkun qegħda tissottometti"*[7]. Naturalment, dan jingħad bil-ħarsien u l-kawtela li l-istitut tal-intervent volontarju fil-kawża ma jservix biex jgħatti kontumaċja kolpuża[8];

Illi dan kollu jfisser li parti li tidħol f'kawża minn jeddha dwar interess li jolqot il-mertu tal-każ, hija mogħtija mil-liġi s-setgħat kollha mogħtija lil kull parti oħra f'dik il-kawża, imbasta b'daqshekk ma jkunx hemm waqfien fil-kawża. Dan jingħad minkejja li l-parti intervenuta minn jeddha ma tistax qatt tkun kundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża jew din tinqata' kontra l-interess li wriet li kellha fil-kwestjoni u kif ukoll lanqas tista' "tirbaħ" l-ispejjez f'każ ta' eżitu favorevoli għal dak l-interess[9];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-intervenuti miżżewġin Filletti għandhom l-istess interess tal-kumpannija attriċi u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala intervenuti *"ad adiuvandum"*. F'każ bħal dan, il-fehma ġuridika l-aktar b'saħħitha tqis li *"adiuvante e adiuvato sono contitolari di una stessa ed unica azione, in quanto sono ambedue, sebbene per criteri diversi, dalla legge*

[7] App.Kumm. **28.7.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Cardona*** (Kollez.Vol: **LXXI.i.329)**
[8] App. Ċiv.
[9] P.A.**20.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Staines noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1116**)

*processuale legittimati all'esercizio di quella determinata azione, e sono, quindi, ambedue* ***parti nel processo****, in cui si trova gia' l'adiuvato"*[10];

Illi din il-fehma tfissret fis-sens li l-intervenut fil-kawża b'rieda tiegħu għandu s-setgħat kollha li l-parti li magħha daħal għandha f'kawża, ħlief li, jekk dik il-parti twaqqaf jew tammetti (skond ma jkun il-każ) il-pretensjonijiet tal-parti l-oħra, l-intervenut ma jistax jibqa' jinsisti li l-kawża titkompla;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-intervenuti fil-kawża miżżewġin Filletti għandhom kull jedd li jressqu x-xhud tagħhom f'din il-kawża, u għalhekk l-oġġezzjoni tal-kumpannija mħarrka ma tidhirx mistħoqqa;

Illi madankollu, f'dan il-każ, tqanqlet sottomissjoni oħra min-naħa tal-kumpannija mħarrka, u dan fis-sens li ladarba l-intervenuti fil-kawża ma ressqux Nota bix-xiehda li fi ħsiebhom isejħu, issa ma jistgħux itellgħu provi ladarba tali xiehda m'humiex dikjarati;

Illi l-Qorti tqis mhux ġustifikata din is-sottomissjoni. L-intervenuti, fl-istadju li daħlu fil-kawża u minħabba li l-interess tagħhom fil-kwestjoni ma kienx kontradittorju għall-pożizzjoni tal-kumpannija attriċi, ma kellhom l-ebda att formali maħsub mill-Kodiċi tal-Proċedura li riedu tassattivament iressqu biex jiġġustifikaw is-sehem tagħhom f'din il-kawża;

Illi, min-naħa l-oħra, huwa meħtieġ li jsir xi għamla ta' kontroll fuq il-mod li bih huma jistgħu jressqu l-provi fil-każ tagħhom. Kieku ma kienx hekk, kien jiġri li huma jkollhom jeddijiet proċedurali usa' minn dawk tal-partijiet infushom. Minbarra dan, qagħda bħal din iġġib preġudizzju għall-kumpannija mħarrka biex tikkontrolla l-provi li jistgħu jitressqu kontra tagħha;

---

[10] Rocco ***Trattato di Diritto Processuale Civile*** (2ª Edit.), Par.VII,iv,b, paġ. 121

Illi għaldaqstant, il-Qorti qegħda b'dan id-degriet tipprovdi billi tordna lill-intervenuti fil-kawża jressqu Nota fl-atti tal-kawża fi żmien erbat ijiem min-notifika ta' dan id-degriet, bl-ismijiet tax-xiehda li jixtiequ jressqu u l-għan li għalih kull xhud huwa maħsub li jittella'.  Tordna wkoll li ssir in-notifika lill-kumpannija mħarrka ta' tali nota;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-kumpannija mħarrka għall-isfilz tax-xhieda tal-Perit Arkitett Joseph Spiteri;

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------